# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/725/PESK

### tad-9 ta' Diċembru 2013

### li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2012/173/PESK dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Lulju 2012 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/389/PESK ([1]) dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP Nestor).

(2) Fit-8 ta' Ottubru 2013, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-mandat taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) fil-Qarn tal-Afrika għandu jiġi estiż għal perijodu inizjali ta' tnax-il xahar.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/173/PESK ([2]) għandha tiġi emendata u estiża.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2012/173/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għandu jiġi attivat b'appoġġ tal-missjonijiet u l-operazzjoni tal-PSDK fil-Qarn tal-Afrika, jiġifieri l-Operazzjoni Atalanta, EUTM Somalia u EUCAP Nestor.".

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) li jipprovdi, billi juża l-għarfien militari u l-għarfien ta' ppjanar speċjalizzat tiegħu, appoġġ dirett lill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili għall-ippjanar u t-tmexxija operattivi tal-missjoni EUCAP Nestor.";

(b) il-paragrafu 2(f) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(f) li jiffaċilita l-koordinazzjoni u jtejjeb is-sinerġiji fost l-Operazzjoni Atalanta, l-EUTM Somalia, u l-EUCAP Nestor, fil-kuntest tal-Istateġija għall-Qarn tal-Afrika u f'kollaborazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika.".

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kaptan (Forza Navali) Ad VAN DER LINDE huwa b'dan maħtur Kap taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għal perijodu ta' sentejn.".

(b) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-TUE, biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kapijiet sussegwenti taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE.".

(4) Fl-Artikolu 9, it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika mit-23 ta' Marzu 2012 sat-22 ta' Marzu 2015.".

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/173/PESK tat- 23 ta' Marzu 2012 dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika (ĠU L 89, 27.3.2012, p. 66).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. PABEDINSKIENĖ